# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta 6 ta' Novembru 2018**

**Kaz Numru 8/2017/LSO**

**Louis Vincenti et**

**vs**

**Maria sive May armla minn Phlip Herrera et.**

**Digriet fit-termini tal-Artikolu 229 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-intimata Maria sive May Herrera tad-19 ta' Lulju 2018 fejn talbet li tigi awtorizzata tappella minn digriet moghti minn din il-Qorti datat il-11 ta' Lulju 2018 izda ppronunzjat fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2018 skont liema cahdet it-talba taghha u rriteniet bhala validament moghtija

erba' (4) digrieti ta' din il-Qorti kif ippresjeduta mill-On. Imhallef Jacqueline Padovani Grima. It-talba odjerna qed issir *ai termini* tal-**artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan ghar-ragunijiet imressqa fir-rikors.

Rat ir-risposta ta' Louis Vincenti datata it-13 ta' Awwissu 2018 fejn oppona ghat-talba skont kif jirrizulta mill-istess risposta;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata t-3 ta' Settembru 2018 fejn irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ikkonsidrat li d-digriet premess inghata fuq talba tal-intimata tat-22 ta' Mejju 2018 fejn talbet li din il-Qorti tiskarta bhala "mhux validi" d-digrieti moghtija mill-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-On. Imhallef Jacqueline Padovani Grima. Gara li sussegwentement ghall-ghotja tad-digrieti imsemmija, b'digriet moghti fid-19 ta' April 2018, l-Imhallef Padovani Grima astjeniet milli tkompli tippresjedi f'din il-kawza fuq l-istregwa tas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kawza **Nicholas vs ir-Repubblika ta' Cipru**.

Illi din il-Qorti laqghet it-talba dedotta mir-rikorrenti odjerna bir-rikors taghha tat-22 ta' Mejju 2018 *in parte,* u cahditha rispettivament ghas-segwenti digrieti:

1. tat-13 ta' Lulju 2017 dwar l-andament tas-smigh tal-provi (fol 83);

2. tat-23 ta' Novembru 2017 - digriet ta' cahda ta' awtorizzazzjoni ta' appell mid-digriet tat-13 ta' Lulju 2017 (fol 116);

3. tal-14 ta' Frar 2018 - cahda tat-talba ghar-revoka *contario imperio* tad-digriet tat-23 ta' Novembru 2017 (fol 169) a tenur tal-artikolu 229(3) tal-Kap 12;

4. tat-12 ta' Marzu 2018 - cahda tat-talba ghall-awtorizzazzjoni ta' appell mid-digriet tat-13 ta' Lulju 2017 (fol 219).

Dan wara li kkonsidrat li :-

*"Fil-kaz odjern id-digrieti bazikament huma tnejn, l-ewwel wiehed tas-17 ta' Mejju 2017, inghata fuq talba ta' Louis Vincenti ghall-korrezzjoni tar-rikors promotur u it-tieni, tat-13 ta' Lulju 2017 dwar jekk il-Qorti ghandhiex jew le fl-ewwel lok tisma' l-provi u tghaddi ghas-sentenza parzjali. Id-digrieti li nghataw wara jirreferu ghad-digriet tat-13 ta' Lulju 2017. L-ewwel wiehed jista' jigi kkunsidrat li jimpingi sostantivament fuq il-kaz, filwaqt li t-tieni digriet jikkoncerna l-amministrazzjoni tal-kawza, u ma jippregudikax lill-intimata fil-kawza, billi l-eccezzjonijiet preliminari ma gewx decizi definittivament, izda mhollija ghas-sentenza finali."*

*"Ikkonsidrat li l-kawza odjerna hija ta' indoli kostituzzjonali fejn ir-regolamenti procedurali jistipulaw li l-Qrati ghandhom jimxu bi speditezza. Min-naha l-ohra, taghraf ukoll li huwa gust li l-intimata terga' tinghata smigh fejn id-decizjoni tal-Qorti kif precedentement kostitwita setghet timpingi sostantivament fuq il-mertu tal-kawza."*

Konsegwentement cahhdet it-talba ghar-rigward tal-erba' digrieti imsemmija.

Illi sabiex it-talba odjerna taqa' fil-parametri **tal-artikolu 229 (3)** d-digriet li qed jigi impunjat m'ghandux ikun wiehed fost dawk elenkati tassativament fis-subincizi **229(1) u (2) tal-Kap 12**. Fost dawn insibu **229(1)(k)** - *"digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew*

*emenda ta' digriet."* Appell minn dan id-digriet jista' isir biss wara l-ghoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza.

Illi dwar l-applikabilita` tal-**artikolu 229(1)(k)** r-rikorrenti odjerna ssottomettiet li t-talba taghha imressqa bir-rikors tat-22 ta' Mejju 2018 ma kenitx talba ghar-revoka tad-digrieti in kwistjoni imma talba sabiex id-digrieti jitqiesu li "mhumiex validi" u kwindi annullati.

Dwar dan l-argument, l-intimati irribattew li **skont L-Att Dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249) tal-Ligijiet ta' Malta** id-definizzjoni tal-kelma "temenda" tinkludi *thassir, tirrexxindi u tirrevoka.*

Ikkonsidrat li t-talba odjerna hija pernjata fuq il-konsiderazzjoni li d-digrieti moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta <u>qabel</u> ma astjeniet in segwitu ghas-sentenza tal-QEDB fil-kaz **Nicholas v Cyprus** huma kollha vizzjati minhabba l-apparenza ta' pregudizzju (*bias)* u ghandhom jigu trattati mill-gdid.

Madanakollu anke f'dan il-kuntest, ma jregix l-argument tar-rikorrenti. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimat odjern Louis Vincenti billi l-astensjoni ma gabitx in-nullita' tad-digrieti moghtija precedentement. Dawn id-digrieti kollha baqghu validi u effettivi sakemm ma jigix ippronunzjat mod iehor b'digriet ta' revoka. Ghaldaqstant, thares kif thares, it-talba dedotta fit-22 ta' Mejju 2018 kienet in essenza talba ghar-revoka jew thassir ta' digriet u kwindi tinkwadra pjenament fl-ambitu ta' dak mahsub bis-subinciz **229(1)(k) tal-Kap 12**.

Ikkonsidrat li l-elenku tad-digrieti imsemmija fis-subincizi 229(1) u (2) huwa tassattiv u mhuwiex permess ghal din il-Qorti li tiddeciedi mod iehor.

Ghandu jinghad li din il-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-mertu tat-talbiet li wasslu ghad-digrieti imsemmija meta cahdet it-talba

ghar-revoka, kif jirrizulta mill-istess digriet. Difatti ppronunzjat ruhha fis-sens ukoll li r-rikorrenti (l-intimata fil-kawza) mhix ser issofri xi pregudizzju jekk din il-Qorti taghti sentenza fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha.

Illi dwar dan il-punt ir-rikorrenti ssottomettiet, *tramite* d-difensur taghha, li tabilfors ser issofri pregudizzju ghaliex gjaladarba din il-Qorti, mhix ser tiddeciedi l-eccezzjoni taghha *ai termini* tal-artikolu 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni *in limine*, isegwi li din il-Qorti ser taccetta li tassumi l-kompetenza biex tkompli tisma' l-kaz fil-mertu. Ghamlet referenza ghall-gurisprudenza rilevanti fis-sens li Qorti, adita b'eccezzjoni f'dan is-sens, ghandha tikkonsidra fuq bazi *prima facie* jekk jezistux rimedji ordinarji effettivi ghar-rikorrent f'kawza bhal din tallum.

Illi, izda, din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi u certament l-intimata mhix ser tkun pregudikata jekk il-Qorti tiehu decizjoni purament amministrattiva, u tirrimanda l-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet imsemmija ghas-sentenza finali. Dan ma jfissirx li din il-Qorti mhix ser tiddeciedi fuq kull eccezzjoni separatament, u lanqas tfisser li, munita b'aktar provi dwar il-lanjanza tal-attur u dwar ir-rimedju suggerit mill-intimata, qed taghlaq il-bieb ghall-konsiderazzjoni ta' din l-eccezzjoni qabel ma tidhol fil-kwistjonijiet ta' mertu.

Is-sentenzi ccitati ma jghidu xejn hlief li meta l-Qorti tigi biex tikkonsidra eccezzjoni simili, ghandha thares biss fuq bazi *prima facie* lejn l-effikacja *o meno* tar-rimedju propost mill-eccipjent. Ma jghidu xejn dwar jekk Qorti ghandha f'kull kaz twaqqaf il-proceduri biex taghti sentenza *in parte.* Altrimenti kull kawza dwar allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem titwaqqaf hesrem qabel ma jkun lanqas biss bdiet semplicement billi tigi sollevata din l-eccezzjoni.

Tqies ghalhekk li dak deciz minn din il-Qorti ma jikkontradixxix il-gurisprudenza fir-rigward. Kif gja inghad, bid-digriet imsemmi din il-Qorti

ma ddecidietx finalment fuq l-eccezzjonijiet imma semplicement irrinvijathom ghas-sentenza finali. Ma hemm xejn li jimpedixxi lil din il-Qorti milli taddotta din il-procedura purke' kull eccezzjoni tigi deciza separatament. Certament ma jfissirx li bid-digriet li r-rikorrenti qed tittenta timpunja din il-Qorti gja tat sentenza *in parte*.

Ghaldaqstant issib li t-talba odjerna mhix ammissibbli fit-termini tal-**artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u konsegwentement tichad l-istess talba u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Novembru 2018**